MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2008

Numru. 1288/2007

**Il- Pulizija**
**(Spettur Johann J Fenech)**

**-vs-**

**Ahmed El Sidin**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba bil-lingwa ingliza kontra l-imsemmi Ahmed El Sidin (Police Number 07V-011) ta’ 29 sena, bin Ahmed Noor u Amina Eden, imwieled Mogadishu fis-sena 1977 u residenti Lyster Barracks Hal Far.

Akkuzat talli:

Nhar il-11 ta’ Lulju 2007 ghall-habta tas-1.00pm gewwa AFM Lyster Barracks Hal Far volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew

immobli, liema hsara tiskorri l-hamsin lira Maltija izda ghanqas minn hames mitt lira Maltija;

U talli f'l-istess data hin u lok volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 325(1)(b) u 339(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat huwa akkuzat li kiser l-bon ordni u paci pubbliku u ta' hsara volontarja.

Illi mill-atti jirrizulta ampjament li f'incident li sehh nhar il-11 ta' Lulju 2007 f'Lyster Barracks Hal Far, l-imputat kien involut f'incident u li f'dan l-incident mhux biss kiser il-bon ordni u paci pubblika imma anke ikkawza hsara f'television u fridge b'dannu lill-Forzi Armati ta' Malta.

Illi dwar il-valur ta' dawn l-oggetti l-prosekuzzjoni prezentat purchase order u invoice li juri l-prezz li bihom inxtraw it-television u l-fridge; dan mhux necessarjament il-valur attwali taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, u wara li rat l-artikoli 325(1)(b) u 339(1)(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah hames (5) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn. In oltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28H ta'l-istess Kap 9 tordna lill-imputat sa

biex ihallas lill-Forzi Armati ta’ Malta s-somma ta’ mitejn u hamsin Euro (€250) fi zmien sitt xhur.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu ta’ sentejn u jekk ma jottemperax ruhu ma’l-ordni lilu mghoti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------